

# Żewġ Kwadri Titulari fil-Knisja ta' Lapsi

Kitba ta' Mario Fenech

Huwa fatt interessanti li fil-Knisja Parrokkjali l-Antika ta' San Ġiljan Ospitalier, magħrufa popolarment bħala *Ta' Lapsi*, hemm żewġ Kwadri Titulari li ntużaw matul is-snin. Wieħed minn dawn il-kwadri huwa dak li fil-preżent jinsab fuq l-Altar Titulari tal-Knisja filwaqt li l-kwadru l-ieħor, li ukoll kien għamel xi żmien fuq dan l-Altar Titulari tal-Knisja, illum jinsab fis-sagristija tal-istess knisja.

L-istorja tgħidilna li għalkemm minn dejjem din il-Knisja kienet iddedikata lil San Ġiljan, kien hemm żmien meta numru ta' nies mill-Parroċċa, li mid-dehra kellhom ċerta saħħa jew awtorità, derilhom li din il-Knisja għandha tkun iddedikata lil Santa Marija. Kien għalhekk li kien ġie mqabbad l-artist Antonio Falzon biex jagħmel kwadru titulari ġdid għal din il-Knisja.

F'dan il-kwadru, l-aritst pinġa xena sabiħa tal-Madonna fil-parti ta' fuq tal-kwadru qiegħda tinġarr lejn is-sema fuq sħaba bajda minn numru t'anġli. Fil-parti t'isfel tal-kwadru, Falzon pitter żewġ figuri oħra, San Ġiljan u San Pawl. Bejn dawn iż-żewġ figuri u s-sħab abjad pinġa x-xmara għaddejja bejn il-muntanji filwaqt li ras iċ-ċerva tidher wara l-figura ta' San Ġiljan. Fuq din it-tila hemm ukoll il-firma tal-Artist u s-sena 1855. Kien ħallas għal dan il-kwadru t-Tabib Mikiel Parnis.



Il-Kwadru Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier, żejt fuq tila, li jinsab fil-Knisja ta' Lapsi f' San Ġiljan

Hawnhekk jidher sew li dak li xtaqu dawk li kkummissjunaw dan ix-xogħol, li għalkemm il-ħsieb kien li t-Titular jiġi mibdul għal dak ta' Santa Marija, kien li xorta waħda l-Kult ta' San Ġiljan tibqa' ħajja f'din il-Knisja. Ma nafux eżatt x'ried il-poplu ta' San Ġiljan. Li nafu biss hu li darba waħda, meta s-Sagristan mar biex jiftaħ il-knisja filgħodu, huwa sab li fuq l-Altar Titulari kien hemm il-Kwadru Titulari l-antik filwaqt li dak ta' Santa Marija flimkien ma' San Ġiljan u San Pawl kien imdendel mal-ħajt tas-Sagristija. Minbarra dan il-kwadru ta' Santa Marija, f'din il-Knisja nsibu l-isem tal-Madonna minqux fl-injam mal-faċċata tal-pulptu l-antik li hemm fis-sagristija u u fid-dekorazzjoni tal-arkata ta' fuq il-presibiterju.

Il-kwadru l-antik ta' din il-Knisja ma nafux eżatt min pinġieh. Huwa xogħol espressiv ħafna fejn il-figura ta' San Ġiljan tiddomina t-tila bix-xenarju tal-bosk jimla l-kumplament tax-xena



**Il-Kwadru tal-Assunzjoni ta' Santa Marija b' San Pawl u San Ġiljan, żejt fuq tila u xogħol Antonio Falzon fl-1855, li jinsab fis-Sagristija tal-Knisja ta' Lapsi f' San Ġiljan**

filwaqt li ċerva qiegħda biswit il-Qaddis. Anġlu żgħir fil-parti ta' fuq tat-tila qiegħed iżomm skrizzjoni bil-kliem *Redemit Te Charitas*. Naf li dan il-kwadru kien iżgħar fid-daqs tiegħu u jista' jkun li kien tkabbar meta tlestiet id-Dekorazzjoni ta' madwar il-Kwadru ta' fuq l-Altar. Dan ix-xogħol tat-tkabbar tat-tila kien sar mill-artist Carmelo Debono li kien għamel ukoll ix-xogħol tad-dekorazzjoni tat-troll tal-Knisja. L-artist Debono kien għex bejn is-sena 1871 u 1929.

Artistikament, dan il-kwadru huwa ferm aħjar minn dak ta' Santa Marija. Hija ħasra li għadna ma nafux min hu l-artist li għamel dan il-kwadru. Jingħad li dan jista' jkun tal-artist Salvator Busuttil jew ta' Pietru Caruana, żewġ artisti li għexu bejn l-aħħar tas-seklu tmintax u nofs is-seklu dsatax. Min jaf, forsi xi darba jsir studju bir-reqqa u fuqu li jwassal għall-awtur tiegħu.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

